



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 27 ta' Mejju 2014  
(OR. en)**

**9642/14  
ADD 1**

**PV/CONS 23  
RELEX 391**

**ABBOZZ TA' MINUTI**

---

Suġġett: **It-3311-il** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**AFFARIJIET  
BARRANIN**) li saret fi Brussell fit-8 ta' Mejju 2014

---

## PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA<sup>1</sup>

Pàgna

### DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

#### PUNTI "A" (dok. 9433/14 PTS A 38)

1. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 4
2. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 fir-rigward tas-setgħat delegati u ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 6
3. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (L-ewwel qari) (AL+D) ..... 6
4. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tariffi pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini sabiex twettaq attivitajiet ta' farmakoviġilanza fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 7
5. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità [L-ewwel qari] (AL) ..... 7
6. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni) [L-ewwel qari] (AL) ..... 8
7. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 8
8. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni mtejbja bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) [L-ewwel qari] (AL + D) ..... 9

---

<sup>1</sup> Deliberazzjonijiet dwar l-atti legiſlattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħrajn miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

9. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-  
ġestjoni tal-infiq relatat mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali,  
u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-  
Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE)  
Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-  
Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE)  
Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-  
Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE trasport [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 10
10. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill  
(KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-  
trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni [L-ewwel qari] (AL) ..... 11
11. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE  
li tirrigwarda l-għasel [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 11
12. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' eCall interoperabbli fl-UE  
kollha [L-ewwel qari] (AL) ..... 12

\*

\*   \*   \*

## **DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

*(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)*

- 1. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 27/14 ANTIDUMPING 8 COMER 28 WTO 39 CODEC 287

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 207 tat-TFUE).

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94.

Skont ir-Regolament, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi, abbażi ta' kriterji oġġettivi u soġġett għall-kontroll tal-Istati Membri. Fl-eżerċitar ta' din is-setgħa, il-Kummissjoni beħsiebha taġixxi skont din id-Dikjarazzjoni.

Meta tipprepara abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ser twettaq konsultazzjonijiet estensivi bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-interessi rilevanti kollha huma kkunsidrati kif xieraq. Permezz ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tistenna li tirċievi kontribuzzjoni minn partijiet interessati privati affettwati minn miżuri ta' pajjiżi terzi jew minn miżuri ta' politika kummerċjali possibbli li għandhom jiġu adottati mill-Unjoni. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tistenna li tirċievi kontribut minn awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jkunu involuti fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali possibbli li għandhom jiġu adottati mill-Unjoni. Fil-każ ta' miżuri fil-qasam tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari ser jitqies l-input tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri fit-tnejn ta' abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza tal-Istati Membri li jirċievu informazzjoni f'waqtha meta tkun qed tikkonsidra l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għal deċiżjonijiet infurmati bis-sħiħ u ser jaġixxu biex jilhqun dan l-għan.

Il-Kummissjoni tikkonferma li ser tibgħat minnufih abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill li hija tippreżenta lill-Kumitat tal-Istati Membri. Bl-istess mod, din ser tibgħat minnufih l-abbozzi finali tal-atti ta' implimentazzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill wara l-wasla tal-opinjoni tal-fil-Kumitat.

Il-Kummissjoni ser iżżomm lill-Parlament u lill-Kunsill regolarment infurmati dwar żviluppi internazzjonali li jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet li jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri skont ir-Regolament. Dan ser isir permezz tal-kumitati responsabbli fil-Kunsill u fil-Parlament.

Il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tal-Parlament li tippromwovi djalogu strutturat dwar is-soluzzjoni tat-tilwim u kwistjonijiet ta' infurzar u ser timpenja ruħha bis-sħiħ f'sessjonijiet partikolari mal-kumitat Parlamentari responsabbli għal skambju ta' fehmiet dwar tilwim kummerċjali u azzjonijiet ta' infurzar, inklużi fir-rigward tal-impatti fuq l-industrija tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkonferma li hija tagħti importanza kbira lill-fatt li jiġi żgurat li r-Regolament huwa għodda effettiva u effiċjenti għall-infurzar tad-drittijiet tal-Unjoni skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali, inkluż fil-qasam tal-kummerċ fis-servizzi. Għalhekk, il-Kummissjoni ser tirrevedi l-ambitu tal-Artikolu 5 skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, bil-għan li tkopri miżuri ta' politika kummerċjali addizzjonali dwar il-kummerċ fis-servizzi hekk kif il-kundizzjonijiet biex jiġu żgurati t-tħaddim u l-effettività ta' dawn il-miżuri jkunu preżenti."

**Dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit**  
**dwar l-inklużjoni possibbli ta' kontromiżuri tas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Infurzar**

"L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit aċċettaw id-dispożizzjoni fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Infurzar għal rieżami bikri u speċifiku tal-każ għall-inklużjoni ta' "miżuri addizzjonali ta' politika kummerċjali li jissospendu konċessjonijiet jew obbligi oħra fil-qasam tal-kummerċ f'servizzi".

Din l-aċċettazzjoni madankollu, ma tirrappreżentax qbil li l-intenzjoni aħħarija għandha tkun l-inklużjoni ta' tali miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Kwalunkwe rieżami għandu jkun oġġettiv fl-evalwazzjoni tiegħu waqt li jikkunsidra, mingħajr l-ebda eżitu predeterminat, l-argumenti favur u kontra l-inklużjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali addizzjonali fil-qasam tal-kummerċ f'servizzi. Dan għandu jinkludi, fost oħrajn, id-diffikultajiet prattiċi inerenti fit-teħid ta' kontromiżuri tas-servizzi."

2. **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 fir-rigward tas-setgħat delegati u tas-setgħat ta' implimentazzjoni li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 39/14 AGRI 104 ENV 142 FORETS 22 DEVGEN 28 RELEX 123  
JUR 89 UD 46 WTO 64 PROBA 11 CODEC 426

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 207 (2) tat-TFUE).

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**  
**Tħejjija ta' atti delegati**

"Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn li ħadet, fil-punt 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, li tipprovdi lill-Parlament l-informazzjoni kollha u d-dokumentazzjoni kollha disponibbli dwar il-laqgħat tagħha ma' esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha bi tħejjija ta' atti delegati."

3. **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (L-ewwel qari) (AL+D)**

PE-CONS 61/14 PECHE 114 CODEC 665

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 207 (2) tat-TFUE).

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni tesprimi tħassib li l-għażla magħmula mill-koleġislaturi biex jiġu trasposti l-miżuri ta' kontroll speċifiċi u teknikament dettaljati adottati mill-Kummissjoni ICCAT fl-2013 u li probabbilment dalwaqt jiġu emendati mill-ġdid permezz ta' kodeċizzjoni tista' tfixkel it-traspożizzjoni f'waqtha fil-liġi tal-UE tal-miżuri meħuda mill-ICCAT fil-futur biex jiġu riveduti jew aġġornati l-miżuri ta' kontroll ta' din l-Organizzazzjoni.

Il-Kummissjoni għalhekk tiddikjara li tikkunsidra dan ir-Regolament bħala mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjoni fir-rigward tar-rikors għall-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE għat-traspożizzjoni ta' miżuri tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd.

F'konformità mad-drittijiet tagħha ta' inizjattiva skont it-Trattat, il-Kummissjoni għalhekk tirriżerva d-dritt li tipproponi emendi għar-Regolament biex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri permezz ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan."

**4. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tariffi pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għat-twettiq ta' attivitajiet ta' farmakoviġilanza fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 44/14 PHARM 17 SAN 82 MI 187 COMPET 126 CODEC 486

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-TFUE).

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**

"Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kunsill biex jitnaqqas b'mod sinifikanti d-dħul mit-tariffi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) mit-tariffa għar-referenzi ta' farmakoviġilanza msemmija fl-Artikolu 6 tal-proposta legali dwar "Tariffi pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini sabiex twettaq attivitajiet ta' farmakoviġilanza fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem" (COM(2013) 472 final tas-26.6.2013), l-EMA mhux ser tkun tista' tkopri l-ispejjeż stmati tagħha previsti fid-dikjarazzjoni finanzjarja li akkumpanjat il-proposta legali. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-EMA, ser teżamina mill-ġdid l-attivitajiet imwettqa u s-servizzi pprovduti mill-EMA f'dan il-kuntest, inklużi l-pagamenti lid-delegati tal-kumitati rilevanti, sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż meħtieġa u biex ikun hemm x'jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas stmat ta' dħul.

Il-Kummissjoni tinnotta li l-pożizzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq hija mingħajr preġudizzju għar-rieżami futur tat-tariffi tal-EMA."

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, il-Kroazja u d-Danimarka**

"Il-Ġermanja, il-Kroazja u d-Danimarka jilqgħu espressament it-tħabbira tal-Kummissjoni Ewropea li ser twettaq rieżami tat-tariffi kollha pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) hekk kif ir-Regolament dwar it-tariffi tal-farmakoviġilanza jiġi adottat. Fil-kuntest ta' dan ir-rieżami, il-Ġermanja, il-Kroazja u d-Danimarka jilqgħu rieżami tal-kompiti u evalwazzjoni tal-infiq tal-EMA sabiex jinkiseb l-oġhla livell ta' effiċjenza possibbli tal-attivitajiet tal-EMA."

**5. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE)Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità [L-ewwel qari] (AL)**

PE-CONS 63/14 STATIS 39 SOC 185 ECOFIN 237 CODEC 711  
+ REV 1 (el)

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 338(1) tat-TFUE).

6. **Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni) [L-ewwel qari] (AL)**  
PE-CONS 55/14 CULT 30 MI 228 ENFOPOL 61 ENFOCUSTOM 32  
UD 66 CODEC 630

Il-Kunsill approva l-emendi li jinsabu fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat skont dan, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-TFUE).

7. **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja [L-ewwel qari] (AL+D)**  
PE-CONS 48/14 TELECOM 66 COMPET 144 CODEC 596

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 tat-TFUE).

### **Dikjarazzjoni mil-Latvja**

"Il-Latvja tappoġġa inizjattivi taħt l-inizjattiva ewlenija "Aġenda diġitali għall-Ewropa" biex jinkisbu l-benefiċċji ta' suq diġitali uniku kompetittiv. Il-Latvja tikkondividi l-għan tad-Direttiva proposta li tiffaċilita l-użu ta' infrastruttura ta' veloċità għolja li huwa meħtieġ biex jinħoloq suq diġitali uniku u għalhekk tappoġġa l-kompromess li ntlaħaq dwar l-abbozz ta' Direttiva. Madankollu, il-Latvja tixtieq tenfasizza li l-Istati Membri għandhom jingħataw perijodu ta' żmien adatt għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva, meta jitqies li l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' soluzzjoni għat-tilwim ser ikun proċess kumpless u ser jeħtieġ riżorsi finanzjarji sinifikanti."

## 8. **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 32/14 SOC 100 MI 138 CODEC 353

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 149 tat-TFUE).

### **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

"Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JILQA' l-ftehim li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni dwar kooperazzjoni mtejba bejn il-PES bħala għodda addizzjonali li tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-isforzi usa' li għaddejjin biex l-istrutturi eżistenti jsiru aktar effettivi fl-indirizzar tal-qgħad;
2. IFAKKAR li l-Artikolu 149 TFUE jistipula li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jadottaw miżuri ta' inċentiv imfassla biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;
3. IQIS li din il-bażi legali ma tippermettix li abbozz ta' Deċiżjoni jimponi obbligu ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi fuq l-Istati Membri;
4. JIRRIKONOXXI li l-valur miżjud reali tan-Netwerk jinsab fil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha, li b'hekk jippermetti l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-valutazzjoni komparattiva u l-attivitajiet tat-tagħlim reċiproku bil-ħsieb li jiġi żviluppat proċess ta' tagħlim komparattiv adatt.

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u biex in-Netwerk ikun jista' jiffunzjona b'mod effettiv u jipprovdi valur miżjud reali, b'dan jiddikjaraw li lkoll qablu li jipparteċipaw fin-Netwerk fuq bażi volontarja u li ser jinnotifikaw kif adatt lis-Segretarjat tan-Netwerk dwar il-parteċipazzjoni tagħhom kif stipulat fil-premessa."

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni

1. Tilqa' l-ftehim milħuq mill-koleġislaturi dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi bħala mekkaniżmu b'saħħtu għat-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi tal-Istat Membru bil-għan li tiżdiel il-kwalità tas-servizzi, il-kapaċità u l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-impjiegi;
2. Tqis li f'konformità mal-Artikolu 145 TFUE din il-kooperazzjoni mtejba bejn il-PES hija parti integrali tal-istrateġija koordinata għall-impjiegi;
3. Tqis li l-Artikolu 149 TFUE jipprovdi l-bażi legali għall-parteċipazzjoni sħiħa tal-Istati Membri kollha fin-netwerk."

9. **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tal-infiq relatat mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE trasport [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 24/14 AGRI 56 AGRIFIN 7 VETER 7 AGRILEG 20 ANIMAUX 6  
SAN 55 DENLEG 23 PHYTOSAN 9 SEMENCES 5 CODEC 272

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 43(2) u 168(4)(b) tat-TFUE).

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

#### **dwar il-proċeduri għall-approvazzjoni tal-programmi veterinarji u fitosanitarji**

"Sabiex tinforma aħjar lill-Istati Membri, il-Kummissjoni se ssejjaħ laqgħa fis-sena tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf li sejra tiffoka fuq l-eżitu tal-proċedura ta' evalwazzjoni tal-programmi. Dik il-laqgħa ssir mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru tas-sena qabel l-implimentazzjoni tal-programmi.

B'rabta ma' dik il-laqgħa, il-Kummissjoni se tippreżenta l-lista tal-programmi approvati teknikament u proposti għall-kofinanzjament. Id-dettalji finanzjarji u tekniċi se jiġu diskussi mad-delegazzjonijiet nazzjonali, u jitqiesu l-kummenti tagħhom.

Barra minn hekk, qabel ma tiegħu d-deċiżjoni finali tagħha dwar dan, il-Kummissjoni sejra, matul il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf f'Jannar, tikkomunika lill-Istati Membri l-lista finali tal-programmi magħżula għall-kofinanzjament u l-ammont finali allokati għal kull programm.

Ix-xogħol preparatorju għat-tfassil tal-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 9, 19 u 25 se jitwettaq mal-esperti tal-Istati Membri kmieni fi Frar ta' kull sena sabiex l-Istati Membri jingħataw l-informazzjoni rilevanti biex jistabilixxu l-programmi tal-qerda u s-sorveljanza."

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

#### **dwar l-aċċess għar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu**

"Kriżijiet maġġuri veterinarji jista' jkollhom impatt baġitarju sinifikanti li jista' ma jiġix akkomodat fi ħdan il-limitu massimu għall-infiq tal-Intestatura 3. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar id-deċiżjoni tal-awtorità leġislattiva biex titneħħa kwalunkwe referenza espliċita għall-użu possibbli tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu. F'każ ta' kriżi veterinarja kbira, il-Kummissjoni tirriserva d-dritt tagħha li tiegħu l-miżuri kollha xierqa neċessarji sabiex tlaħħaq ma' din il-kriżi f'konformità mal-leġislazzjonijiet rilevanti kollha, inkluż fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni"

- 10. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni [L-ewwel qari] (AL)**  
PE-CONS 67/14 TRANS 134 MAR 47 CODEC 737

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 91(1) tat-TFUE).

- 11. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel [L-ewwel qari] (AL+D)**  
PE-CONS 65/14 DENLEG 63 AGRI 190 SAN 126 ENV 251 CODEC 735

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni tal-Lussemburgu u dik Ungeriża jivvotaw kontra u d-delegazzjoni Ċeka u dik Franċiża jastjenu, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) tat-TFUE).

#### **Dikjarazzjoni minn Franza**

"L-awtoritajiet Franċiżi jiddispaċihom li d-diskussjonijiet ma wasslux għal kompromess sodisfaċenti. Kif inhi bħalissa, id-Direttiva ma tippredix li l-konsumaturi jkunu informati b'mod adegwat u tippreżenta problemi tekniċi ta' implimentazzjoni li jwasslu għal dubju dwar l-effettività tal-applikazzjoni tagħha."

#### **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

"L-Ungerija tissottolinja li l-emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE rigward l-għasel ma tiżgurax b'mod suffiċjenti t-tikkettar adegwat u l-informazzjoni meħtieġa lill-konsumaturi dwar il-preżenza fl-għasel ta' trab tad-dakra modifikat ġenetikament. Din l-emenda tonqos ukoll milli tipproteġi l-interessi tal-apikulturisti tal-UE li jipproduċu f'ambjent ħieles minn pjanti modifikati ġenetikament.

Skont id-definizzjoni, il-kontenut massimu tat-trab tad-dakra dejjem ser ikun inqas mil-livell limitu ta' 0.9 % stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament. L-eżenzjoni mir-rekwiżiti tat-tikkettar tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-preżenza tat-trab tad-dakra modifikat ġenetikament fl-għasel tapplika biss fejn il-preżenza tiegħu tkun aċċidentali jew ma tkunx tista' tiġi evitata teknikament, kif rifless fil-premessa 5 tal-proposta attwali. Madankollu, l-Ungerija hija tal-fehma li fil-prattika d-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-għażla għall-konsumaturi mhumiex ser jiġu żgurati b'mod ċar, u konsegwentement l-interess tal-apikulturisti "GM-free" fl-UE mhuwiex adegwatament salvagwardat."

**12. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha [L-ewwel qari] (AL)**  
PE-CONS 77/14 TRANS 173 CODEC 881

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 91 tat-TFUE).

---